MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 40/2021

Il-Ġimgħa, 29 t'Ottubru 2021

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba. Is-Sindku nforma lil membri li l-Kunsilliera Sandra Grech ser tittardja ftit.

40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

40.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa.

40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

40.2.1 Il-minuti tal-laqgħat Nru 38/2021-8 u 39/2021-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

40.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

40.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

40.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 38/2021-8 u 39/2021-8 u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

40.3.1 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lil dawk preżenti illi l-*electric vehicle 7 seater* ħarġet l-offerta u kien hemm biss offerant wieħed pero' ma kienx *compliant*. Għal dan il-għan l-offerta ser terġa toħroġ. Is-Sindku kompla jgħid illi t-trakk tal-Kunsill qed iwaqqa' l-batterija u għalhekk l-*mechanic* ser jagħmillu *main switch.*

40.3.2 Is-Sindku informa lil membri li hemm bżonn jiġi ordnat *railing* ta' l-*istainless steal* fit-taraġ taż-Żebbuġ *Playing Field* kif ukoll *shutter* fil-*pump room.* Il-membri qablu. Kompla jgħid illi weħlet il-*wheelchair roundabout* u l-Kunsill ser ikollu jgħolli 40mm bis-siment sabiex ikun jista' jitpoġġa r-*rubber flooring*. Qal ukoll li qed

iżomm l-ilma taħt ir-*rubber flooring* u għalhekk ser isiru aktar toqob taħtu. Is-Sindku kompla jgħid illi hu u s-Segretarju ltaqgħu mal-kuntrattur tal-*landscaping* u għandu jibda' x-xogħol fil-futur qarib. Propona ukoll li dan il-*playing field* jiġi inawgurat f'Novembru.

40.3.3 Is-Sindku nforma lil membri illi inġabret kwotazzjoni sabiex isiru is-CCTV *cameras* sabiex jitnaqqas il-vandaliżmu li qed isir fiż-Żebbuġ *playing field.* Kompla jgħid li ser isiru 6 kameras tas-sigurta' u l-prezz kwotat u €4,000. Il-membri qablu.

40.3.4 Is-Sindku talab lil membri l-approvazzjoni tagħhom sabiex il-Kunsill ikollu *night safe* mal-Bank of Valletta sabiex ikunu jistgħu jiġu depożatati l-flus li jinġabru mill-Kunsill. Il-membri qablu.

40.3.5 Rigward il-fjakkli li jinxtegħlu matul ix-xahar ta' Novembru fejn iċ-ċimiterju. Il-membri qablu li jinxtara b'€60 pitrolju. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni ta' min ser jieħu ħsieb sabiex ma jħammiġx il-ħajt tas-sejjiegħ.

40.3.6 Is-Sindku propona u l-membri qablu li jinxtraw uniformijiet għal istaff klerikali.

40.3.7 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri illi jħossu nkewtat rigward ir-*railing* ta' Triq Santa Marija, Marsalforn. Qal li ilu aktar minn 7 snin jitħabat għal dawn il-fondi tad-DPF u jiddispjaċih għat-tkaxkir tas-saqajn. Fakkar li l-pavimentar tal-*belvedere* huwa lest pero l-Kunsill għadu jistenna li jiffirma l-Kuntratt mal-*Planning Authority.* Il-membri qablu li għandha tintalab laqgħa mal-Perit, l-Enġineer u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal jekk it-tkaxkir qed isir minħabba l-Enġineer li ġie mqabbad mill-Kunsill, l-Kunsill ma jerġax jitlob is-servizzi tiegħu.

40.3.8 Is-Sindku informa lil membri li il-ħitan tas-Sejjiegħ ta' Triq is-Sagħtrija tan-naħħa tax-xellug qed jinbnew mill-Eco Gozo pero' tan-naħħa tal-lemin ser jinbnew minn naħa tal-Kunsill b'fondi Ewropej.

40.3.9 Rigward il-labra ta' l-influenza, is-Sindku nforma lil membri illi r-Reġjun t'Għawdex qed jaħdem sabiex l-Gvern japprova l-ftuħ tal-

bereġ fil-lokalitajiet sabiex ikunu jistgħu jingħataw il-labar ta' l-influenza.

40.3.10 Is-Sindku, informa lil membri illi bħala Kunsill, konna ddeċidejna li ma nippartecipawx fil-*fun run,* pero' kelmuh mir-Reġjun t'Għawdex sabiex nipparteċipaw.

40.3.11 Is-Sindku propona sabiex jinxtara *laptop* lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikun jista' jintuża fix-xogħol uffiċċjali tal-Kunsill peress li l-*laptop* li għandha sar *slow* ħafna. Il-membri qablu.

40.3.12 Is-Sindku informa lil membri li l-bankina fi Triq Skapuċċina ġiet approvata li ssir mill-Gozo LC Works.

40.3.13 Is-Sindku nforma lil membri illi waslet korrispondenza l-Kunsill minn Transport Malta fejn infurmaw lil Kunsill li ser tinżebagħ kaxxa għal Persuni b'Diżabilita' fi Triq Skappuċċina. Il-Kunsillier Daniel Cordina oppona għal din peress li din ser toħloq problema kbira fost ir-residenti. Il-Kunsillier Baskal Saliba staqsa hemmx bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li kull talba l-ewwel trid tiġi approvata mill-Kunsill. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona li l-Kunsill għandu jibgħat ittra bl-avukat sabiex titwaqqaf milli ssir. Is-Sindku propona sabiex l-ewwel pass ikun li l-Kunsill jikteb lil Transport Malta u jinformah illi ma kienx hemm qbil bejn il-membri sabiex din id-*disabled parking bay* ssir. Il-membri qablu. Il-Kunsillier Cordina fakkar li l-problemi f'din it-triq bdew meta inżebgħu sinjali tat-traffiku f'din it-triq mingħajr approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera Sandra Grech daħlet fil-laqgħa fil-4.50 ta' filgħaxija u skużat ruħha.

## 40.4 Milied 2021

40.4.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi nġabru l-kwotazzjonijiet għat-tiżjin tal-Millied. Il-membri qablu li Marsalforn jiġi mżejjen minn D Street Lighting u ż-Żebbuġ minn Chris Gauci. Il-membri qablu wkoll illi t-tiżjin għandu jinxtegħel fis-6 ta' Diċembru 2021.

40.4.2 Is-Sindku nforma lil membri li mar jiċċekja rigward figuri għal presepju pero' kienu għoljin ħafna. Il-membri qablu li ma jinxtarax presepju pero' minflok jinxtara terf u *tinsel* sabiex jitwaħħal mas-sigra tal-Milied li tintrama fil-pjazza.

40.4.3 Il-membri qablu li jinxtraw 11 id-djarju tas-sena 2022 kemm għal istaff kif ukoll għal membri tal-Kunsill.

40.4.4 Il-membri qablu li għandhom jinxtraw rigali lit-tfal sa 13-il sena. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona li jsir il-*party* tat-tfal pero' il-membri qablu li jħallu din il-proposta għal aktar tard minħabba l-miżuri ta' l-Awtoritajiet tas-saħħa.

40.4.5 Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandu jinxtara kejk żgħir lil anzjani kollha tal-lokalita'.

40.4.6 Il-Kunsillier Daniel Cordina propona u l-membri qablu li jingħata mug lil kull dar fil-lokalita'.

40.4.7 Il-membri qablu li din is-sena, oppost għas-sena l-oħra issir l-ikla tal-Milied għal Kunsilliera u l-istaff.

40.4.8 Il-membri qablu li lil ħaddiema tas-CWS jinxtralhom *hamper* ta' mhux aktar minn €15 kull wieħed.

40.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

40.5.1 *Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:*

40.5.1.1 Staqsiet fuq liema skala ser jitħallas il-*Council Assistant.* Is-Segretarja infurmatha li ser jitħallas fi skala 16.

40.5.1.2 Ressqet talba minn sid ta' għalqa f'Ta' Kuljat sabiex titwessa' parti mit-triq u jsir ħajt. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Gozo LC Works.

40.5.1.3 Ressqet talba minn resident sabiex fejn il-*playing field* tal-Virtut isir *culvert* għal ilma tax-xita. Is-Sindku qal li ser isir xi gandott minn naħa ta' l-Enemalta f'dik il-parti tat-triq u propona sabiex il-Kunsill jieħu l-permess ta' l-Enemalta sabiex issir katusa minn naha

tal-Kunsill mill-istess trinka. Il-membri qablu sabiex l-ewwel isiru d-diskussjonijiet neċessarji ma l-Enemalta f'dan ir-rigward. Il-membri qablu sabiex issir *sleeping policeman* mill-*playing field* sal-ħajt minħabba l-ilqugħ ta' l-ilma tax-xita.

40.5.1.4 Staqsiet rigward t-talba għal fanal ġdid fi Triq Skapuċċina. Il-membri qablu li għandha terġa' tintbgħat *reminder* lil Enemalta.

40.5.1.5 Talbet sabiex jerġa jiġi mfakkar il-Kuntrattur rigward il-*culvert* ta' sqaq fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri.

40.5.1.6 Staqsiet rigward l-ilma ta' ħdejn iċ-ċimiterju. Is-Sindku nfurmha li tkellem mal-PRAX u għandhom jibdew ipoġġu l-kurduna il-gimgħa d-dieħla.

40.5.1.7 Staqsiet rigward l-*bye-law* ta' Marsalforn. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha li din tinsab f'idejn l-Avukat tal-Kunsill.

40.5.1.8 Staqsiet rigward il-Batterija tal-Qbajjar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha li bi qbil sar is-*survey* mill-Perit tal-Kunsill fejn dan ta' l-aħħar għaddieh lil Din l-Art Ħelwa.

40.5.1.9 Staqsiet rigward il-*crash barriers* fi Triq iż-Żebbuġ. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha illi reġgħet bgħatet *reminder* lid-Direttur iżda baqgħet bla tweġiba.

40.5.1.10 Rigward il-Ħofra tat-Torok fi Triq Ħabel it-Twil. Din għandha titranġa malli tieqaf ix-xita peress li bħalissa mimlija ilma u ma tistax tinkesa.

40.5.1.11 Staqsiet meta ser tibda' l-*isteward* tal-lokalita'. Is-Seg. Eżekuttiv ser tibda' fl-1 ta' Novembru 2021 liema paga ser tiġi *reimbursed* mid-Dipartiment.

40.5.2 *Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:*

40.5.2.1 Talab sabiex titqaxxar u terġa ssir bit-tarmac Triq il-Wied kantuniera ma Triq il-Mungbell peress li min jgħix f'dik il-kantuniera qed jidħollu l-ilma. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

40.5.2.2 Talab sabiex titwessa l-bankina fejn hemm is-siġar tal-brooke fi Triq Santa Marija. Is-Sindku propona minflok jinqalgħu is-siġar ħalli ma jibgħux jostakolaw il-bankina u jitħawwlu fil-Qbajjar promenade.

40.5.2.3 Talab sabiex il-parti ta' Triq il-Ponta li baqa' ssir bit-tarmac issir mill-Kunsill peress li l-Kunsill stenna biżżejjed minn naħa tal-Ministeru sabiex tiġi asfaltata. Is-Sur Cordina fakkar li ilha li saret talba lil Ministeru u għadha ma saritx. Il-Viċi Sindku, Dott Cini fakkritu li la ġiet imwedgħa mill-Ministeru din ser issir fil-ħin opportun. Il-Kunsillier Cordina qal li hu jinsab ċert li din qatt m'hu ser issir. Il-Viċi Sindku fakkritu li qed isiru ħafna proġetti u din ser issir ukoll. Il-Kunsillier Cordina talab lil Viċi Sindku ssemilu triq il-talab il-Kunsill u saret. Is-Sindku fakkar li din hi *white road* u għalhekk għandha terġa tintbgħat *reminder* lil Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsillier Cordina fakkar li kien hemm sistema li kienet titħaddem tajjeb mill-Ministru preċedenti fejn il-Kunsill kien jitlob sabiex issir triq u l-Kunsill jingħata l-fondi.

40.5.2.4 Talab sabiex jitnaqqas il-*yellow line* li ġie miżbugħ fi Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu.

40.5.2.5 Propona sabiex jitranġa t-taraġ taz-Zuntier tal-Knisja ta' Marsalforn. Il-Viċi Sindku nfurmat lil membri li hemm fond ta' l-Eco Gozo għar-riġenerazzjoni tal-Pjazzez. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni illi t-taraġ aktarx huwa proprjeta' tal-Knisja għalhekk il-membri qablu li l-Kunsillier Cordina jitlob qabel l-permess tal-Kappillan.

40.5.2.6 Propona sabiex Triq il-Qbajjar tkun *one way* is-sena kollha peress li qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku. Talab ukoll lil Kunsilliera Sandra Grech sabiex ma tifhmux ħażin pero' kellu diversi lmenti mir-residenti. Kompla jgħid li hemm żewġ soluzzjonijiet sabiex tissolva din il-problema. L-ewwel soluzzjoni hi li isir *double yellow line* naħħa waħda tat-triq u jinżebgħu il-*parking bays.* Kompla jgħid li t-tieni soluzzjoni hi li ssir *one way* is-sena kollha. Is-Sindku fakkar lil membri illi meta sar *single yellow line* f'din it-triq inqalgħu ħafna problemi. Il-Kunsilliera Sandra Grech opponiet għal dawn iż-żewġ soluzzjonijiet u qalet li jekk issir *one way* is-sena kollha hi

tirreżenja. Qalet li n-nies li joqgħodu hemm is-sena kollha ma jridux li din tiġi *one way* is-sena kollha għax mhux sew għalihom li jgħaddu minn Triq Santa Marija fejn ikunu esposti għar-raxx tal-baħar u l-maltemp. Il-Kunsillier Cordina fakkar lil Kunsilliera Grech li hi suppost tirtira mill-kamra waqt din id-diskussjoni minħabba l-kunflitt ta' nteress. Is-Sindku talab sabiex jieqaf dan it-tajjir. Il-Viċi Sindku proponiet li jinżebgħu is-sinjali tat-traffiku u jiġu nfurzati. Is-Sindku propona minflok li l-Kunsill kollu għandu jiltaqa' ma Transport Malta fuq il-post sabiex isiru d-diskussjonijiet neċessarji. Il-membri qablu.

40.5.2.7 Talab sabiex isir railing mal-ħajt fit-taraġ ta' Triq l-Għerejjex. Il-membri qablu.

40.5.2.8 Talab sabiex jitranġa l-moll tax-Xwejni ta' fejn is-sorijiet u talab sabiex isir ftit konkos u vireg. Il-membri qablu ma dan pero' qabel irid jittieħed il-parir tal-Perit tal-Kunsill.

40.5.2.9 Talab ukoll sabiex jerġa jeħel il-*bus shelter* ta' Marsalforn li kien inqala' mill-Ministeru għal Għawdex.

40.5.3 *Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

40.5.3.1 Qalet li ltaqgħet ma uffiċċjal ta' Transport Malta rigward il-*parking bays* li ntalbu mill-Kunsill fejn din infurmatha li ma hemmx bżonn pjanti tal-Perit. Is-Sindku propona li din ukoll tigi mitkellma ma Transport Malta x'ħin issir il-laqgħa fuq il-post.

40.5.3.2 Staqsiet meta ser jibdew il-bankini. Is-Sindku nfurmha li l-bankini inbdew skond il-lista'.

40.5.3.3 Infurmat lil membri li ħafna nies qed igergru fuq l-istat ħażin tal-Qbajjar Promenade. Il-Kunsillier Cordina fakkar li l-playing field ta' Ġnien it-Tlett Għoljiet jinsabu fi stat aktar diżastruż pero' dan jaqa' taħt ir-responsabilita' tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona li jitneħħa t-tapit tal-lasktu u minnflok jeħel turf. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill għandu jitlob il-veduti tal-perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward minħabba l-Playing Field Regulations. Il-membri qablu li dan għandu jiġi tranġat mill-aktar fis possibli minħabba l-perikolu. Il-Kunsillier

Cordina talab ukoll sabiex tinġibed l-attenzjoni ta' Eco Gozo sabiex jitranġa d-dawl li hemm tul il-passaġġi.

40.5.3.4 Ġibdet l-attenzjoni illi fil-kantuniera fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma' Triq it-Torn qed jintrema żibel f'għalqa abbandunata. Il-Kunsilliera Grech għandha tiġbed l-attenzjoni ta' sid il-għalqa sabiex itella' l-ħajt.

40.5.3.5 Talbet sabiex terġa tintbgħat *reminder* lil Ministeru għal Għawdex sabiex tiġi asfaltata Triq il-Qbajjar.

40.5.3.6 Talbet sabiex isir il-*patching* neċessarju fi Triq il-Qbajjar.

40.5.4 *Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

40.5.4.1 Talab sabiex isir *reminder* lil Ministeru għal Għawdex rigward l-iskoll fi Triq iż-Żebbuġ.

40.5.4.2 Talab sabiex tinbidel il-mera ta' Triq Wied l-Infern peress li ġew sparati xi tiri għaliha.

40.5.4.3 Informa lil membri li rigward il-ħajt ta' Triq Wied l-Infern ser jagħmlu wiehed.

40.5.4.4 Staqsa min għamel it-tiswijiet neċessarji bil-konkos fejn iċ-ċimiterju taż-Żebbuġ. Qal li fuq l-asfalt ma jsirx konkos. Is-Sindku nfurmah li l-Kunsill talab lil Ministeru għal Għawdex sabiex tittranġa dik il-parti tat-triq peress li niżżlet bit-trakkijiet iżda l-Kunsill ma talabx sabiex issir bil-konkos.

## 40.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

40.6.1 Rigward SPI/SCI/3/2020 – Skema ta' Finanzjament għal Attivitajiet Kulturali Annwali 2021. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill ma kwalifikax għal din l-iskema. Il-Kunsillier Cordina qal li jittama' li l-Kunsill ma kwalifikax minħabba persuni li qed jagħmlu l-ħsara lil Kunsill mad-Dipartiment. Din kienet attivita' kulturali kbira u għalhekk talab sabiex il-Kunsill jitlob kjalifika lid-Dipartiment fuq liema kriterji ma kwalifikajnhiex.

40.6.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ħarġet Ċirkulari – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita'. Is-Seg. Eżekuttiv li l-Kunsill jista' japplika għal proġett sa massimu ta' €85,000 VAT inkluż. Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li l-Kunsill japplika biex isir lift minn Triq Santa Marija fejn l-Otters u ieħor minn fuq il-moll tal-Bajja ta' Marsalforn għal ġol-baħar.

40.6.3 Talba mir-Reġjun sabiex isir Summer break fil-Lokalitajiet kollha jiġifieri fis-Sajf ma jsirux *excavation* u *demolition works.* Il-membri ma qablux li din issir fiż-Żebbuġ pero tibqa' f'Marsalforn peress li hi *tourist area.*

40.6.4 Rigward PA/00833/21 – Il-membri qablu li l-Kunsill għandu joqgħod għad-deċiżjoni tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

40.6.5 Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat il-*Financial Statement* għas-sena 2020. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li mill-estmi finanzjarji rriżulta illi fis-sena 2019 kien hemm *deficit* ta' €105,000 liema ammont ġej minn snin preċedenti. Fis-sena 2020 dan id-*deficit* niżel bi €32,960. Għalkemm id-*deficit* fis-sena 2020 kien ta' €72,040, it-telf rikkorenti hu biss ta' €6,500. Il-membri qablu li dawn il-*financial statement* jiġu ffirmati.

40.6.6 Ittra li twasslet mill-Kunsillier Cordina sabiex tinqara waqt il-laqgħa tal-Kunsill, liema ittra diġa ġiet moqrija f'laqgħa oħra u li hi ilment mibgħut minn resident rigward l-isqaq fi Triq il-Ponta. Is-Sindku talab lil Kunsillier Cordina li hu għandu jidħol responsabbli għas-smigħ ta' din l-ittra u l-Kunsillier Daniel Cordina qal li din ser tinqara għal korrettezza tal-Minuti u li hu jassumi r-responsabbilita'. Dan ir-resident qed jgħid illi l-isqaq blokkat fi Triq il-Ponta hu privat u tiegħu stess u li dan l-isqaq mhux pubbliku. Ir-resident bgħat ukoll korrispondenza mill-Awtorita' ta' l-Artijiet rigward l-isqaq.(1) Il-Kunsill reġa ħa l-istess pożizzjoni tal-laqgħat preċedenti illi l-Kunsill ma jidħolx fi kwistjonijiet bejn terzi. Il-Kunsill iddikjara wkoll li hu qatt ma ħa deċizjoni hux pubbliku jew privat.

(1) liema korrispondenza turi li hu 'not government owned'

40.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 27/2021 għall-perjodu t'Ottubru 2021 li tammonta għal € 96,189.02 ġiet approvata u ffirmata.

40.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.09 ta' filgħaxija u ġiet *sine die.*

Konfermati, illum ____________________________

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv